**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIŻJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**28 ta' April 2022**

**Rikors Numru 1/2021**

**Mae Al Sous**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Mae Al Sous** ippreżentat fit-13 ta' Jannar 2021 li permezz tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

tiegħu ppremettiet is-segwenti:-

*"Illi l-esponenti applikat sabiex tingħata liċenzja ta' Gwardjan Privat taħt id-disposizzjonijiet tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi b'ittra datata 15 ta' Diċembru 2020, il-Kummissarju tal-Pulizija informa lill-esponenti li l-applikazzjoni tagħha ġiet rifjutata u dan fl-interess pubbliku a tenur tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Illi r-raġunijiet mogħtija mill-Kummissarju tal-Pulizija huma infondati fil-fatt u fid-dritt u f'kull każ, sproporzjonati, u dan kif ser jirriżulta aħjar fil-kors ta' din il-proċedura.*

*Illi inoltre, il-Kummissarju tal-Pulizija eżerċita d-diskrezzjoni tiegħu taħt l-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u rrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti proprju f'dawk l-istanzi fejn il-liġi, taħt l-artikolu 10(a) tal-istess Att, tippermetti l-ħruġ tal-liċenzja.*

*Illi dan imur kontra l-prinċipji legali u d-duttrina dwar l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni li biha huwa vestit il-Kummissarju tal-Pulizija taħt il-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija u dawk kollha li jirriżultaw fil-kors tat-trattazzjoni ta' din il-proċedura, l-esponenti titlob bir-rispett li dan it-Tribunal jogħġbu:*

*i. iħassar u jirrevoka d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija tal-15 ta' Diċembru 2020 li permezz tagħha irrifjuta l-applikazzjoni tal-esponenti sabiex tingħata liċenzja ta' Gwardjan Privat.*

*ii. konsegwentement jordna lill-istess Kummissarju tal-Pulizija sabiex, fi żmien qasir u perentorju li jista' jiġi lilu prefiss minn dan it-Tribunal, japprova l-applikazzjoni tal-esponenti għall-ħruġ tal-liċenzja għall-Gwardjan Privat, u/jew jagħti lill-esponenti liċenzja ta' Gwardjan Privat mingħajr ebda kundizzjoni u ai termini tal-liġi."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju tal-Pulizija** datata 1 ta' Frar 2021 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

"

1. *"Illi l-esponent jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għaliex għall-kuntrarju ta` dak li qed jingħad mir-rikorrenti fir-rikors promotur tagħha, kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirrifjuta l-applikazzjoni għall-liċenzja ta` gwardjan privat abbażi tal-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, kif se jkun muri u spjegat aħjar fil-mori tas-smigħ ta' din il-kawża;*

2. *Illi mhuwiex minnu dak li jgħid ir-rikorrent li l-esponent irrifjuta l-applikazzjoni f'dawk l-istanzi fejn il-liġi, taħt l-artikolu 10(a) tal-Kap. 389, tippermetti l-ħruġ tal-liċenzja. L-ewwel nett, l-artikolu 10(a) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta jelenka ċirkostanzi partikolari meta applikazzjoni għandha tkun rifjutata b'mod tassattiv – u mhux istanzi fejn huwa permessibbli ħruġ ta' liċenzja. It-tieni nett, l-artikolu 10(a) m'għandux siwi għall-każ odjern, ġjaladarba l-esponent irrifjuta l-applikazzjoni abbażi tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jagħti diskrezzjoni lill-esponent li jirrifjuta applikazzjoni għall-liċenzja fl-interess pubbliku;*

3. *Illi l-esponent jirrileva li fid-dawl tar-reati kommessi mir-rikorrent elenkati fil-fedina penali hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK COP', ma setax jilqa' l-applikazzjoni, u dan skont il-kunsiderazzjonijiet li għamel ai termini tal-artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. L-esponent huwa tal-umli fehma li r-rikorrenti għandha tkun persuna ta' eżempju f'xogħolha u mhux taġixxi b'atti li suppost qed jipprevjeni hi stess f'każ li tingħata l-liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed jikkunsidra r-reati kommessi tul l-aħħar snin, l-esponent ma jħossx li r-rikorrenti hija persuna idonea sabiex tagħmel ix-xogħol ta' gwardjan privat. Huwa għalhekk raġjonevoli li l-Kummissarju tal-Pulizija wasal għal din id-deċiżjoni li jirrifjuta l-applikazzjoni;*

4. *Illi l-esponent jagħmel referenza għal* sentenza li fiha dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta` tali liċenzji, u ċioe` illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta` gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta` karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrenti trid tirrikonoxxi li l-liċenzja li applikat għaliha ġġorr magħha ċertu piż u responsabilità. Dan peress illi min ikun fil-pussess ta` tali liċenzja jiġi vestit b'kariga pubblika u jkollu poteri simili għal dawk ta` uffiċċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni tal-applikazzjoni trid tkun waħda eżawrenti kemm jista` jkun. Fis-sentenza fl-ismijiet **David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,** deċiża fl-4 ta` April 2013 (Rik Nru 275/2011), dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut *għamel* is-segwenti osservazzjonijiet:

> *It-Tribunal jibda biex josserva li għalkemm ai termini ta` l-Artikolu 25(1) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta` Malta dikjarazzjoni ta` ħtija għal reat li dwaru ssir Ordni ta` Probation għandha titqies bħala li ma tkunx dikjarazzjoni ta` ħtija għal ebda fini li jkun, ma jfissirx li r-reat in kwistjoni u l-fatturi li wasslu għat-twettiq ta` dak ir-reat ma għandhomx jittieħdu in konsiderazzjoni għall-fini li jiġi determinat jekk huwhiex o meno fl-interess pubbliku li persuna tingħata liċenza ta` Gwardjan Privat. Għalhekk il-Kummissarju tal-Pulizija ġustament ħa dawn il-fatturi in konsiderazzjoni hu u jikkonsidra t-talba tar-Rikorrent għall-ħruġ ta` liċenza ta` Gwardjan Privat......*
>
> *B'hekk għalkemm ir-rikorrent ċertament ma huwhiex ta` xi minaċċa għas-soċjeta`, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jingħata liċenza ta` Gwardjan Privat dan ikun ta` ġid għalih u għas-soċjeta`. Konsegwentement għalhekk ma huwhiex fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenza ta` Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*[1]

1. *Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta` rifjut f'sens aktar wiesgħa, u ċioe` mhux biss b'rabta ma` xi biża` illi l-applikanta tista` jkun ta` xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk ġust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li f'dawn iċ-ċirkostanzi uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrenti;*

2. *Illi finalment b'referenza għat-*tieni talba hekk kif dedotta mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi dan l-*Onorabbli Tribunal ma jistax jagħti l-liċenzja ta' Gwardjan Privat u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

---

[1] Enfażi miżjud mill-esponenti.

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-interita` tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ."*

Sema' lir-rikorrent u lix-xhieda mressqa minnha;

Sema' lill-Ispettur Sarah Magri in rappreżentanza tal-Kummissarju intimat;

Ra d-dokumenti kollha ppreżentati;

Sema' t-trattazzjoni;

Ra li r-rikors tħalla għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrenti ħassitha aggravata b'deċiżjoni tal-Kummissarju intimat li rrifjuta li joħroġ liċenzja ta' gwardjan privat abbażi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali).

**Ir-rikorrent** xehdet dwar żewġ kawżi kriminali li kellha fil-konfront tagħha, waħda meta kienet għadha minorrenni u oħra appena għalqet it-tmintax-il sena. Dawn il-kawżi kienu jinvolvu relazzjoni li kellha ma terza persuna li dak iż-żmien kienet is-sieħba tagħha li pero` kienet għadha minorenni. Għar-reati msemmija hija ngħatat Ordni ta' Probation u liberta' kundizzjonata. Fl-affidavit tagħha r-rikorrenti tgħid li dan kien aġir ta' meta kienet għadha żgħira fl-eta` u li llum il-ġurnata qiegħda f'relazzjoni stabbli u li dejjem ħadmet.

In kontro-eżami r-rikorrenti xehdet illi preżentement taħdem ma' Kumpanija privata fuq bażi ta' tliet xhur tliet xhur u għalhekk xtaqet iktar stabbilita`.

**Sarah Dimech,** eks sieħba tar-rikorrenti, xehdet illi hija kienet f'relazzjoni mar-rikorrenti għal ċirka tliet snin. Tispjega li f'dawn l-erba' snin r-rikorrenti marret ħafna 'l quddiem fl-imġieba tagħha. Xehdet li fil-bidu li ltaqgħet magħha, u ċioe` fl-2016/17 ir-rikorrenti kien ikollha ħafna ħin liberu u allura ma kinitx tkun taf eżatt x'se tagħmel bil-ħin tagħha. Pero` llum il-ġurnata s-sitwazzjoni hija differenti għax taħdem u taf tqassam il-ħin. Tgħid li eventwalment hi u r-rikorrenti kienu krew post flimkien.

**L-Uffiċjal tal-Probation Marilyn Zammit** spjegat li hija kienet issegwi lir-rikorrenti għar-rigward tal-Ordni ta' Probation li nħarġet fl-2014 u li kienet

għal perjodu ta' tliet (3) snin. Xehdet illi meta kienet għadha minuri r-rikorrenti kienet għexet f'diversi djar tat-tfal. Tispjega li għall-ewwel kien hemm xi problema biex ir-rikorrenti taderixxi ruħha mal-Ordni ta' Probation, pero` eventwalment beda jsir progress u bdiet tirriżulta negattiva għas-sustanzi illeċiti.

**L-Ispettur Sarah Magri** spjegat li fil-każ odjern il-Kummissarju intimat ħass li r-rikorrenti minħabba żewġ sentenzi partikolari, u ċioe` dawk tal-parteċipazzjoni sesswali ma' minorenni u minħabba t-tip ta' piena li ngħatat fl-istess sentenzi, kellu joħroġ rifjut abbażi tal-interess pubbliku. Ix-xhud spjegat ukoll li ttieħdu in konsiderazzjoni żewġ sentenzi oħra rigwardanti argumenti, ġlied u feriti ħfief li dawn xeħtu dawl fuq il-karattru tar-rikorrenti.

**Ikkunsidra:**

Illi Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunita`) jgħid is-segwenti:-

*"Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(b) meta dan jikkunsidra li jkun fl-**interess pubbliku** li jirrifjuta dik il-liċenza;"*

Illi l-Kummissarju intimat ibbażа r-rifjut tiegħu fuq erba' (4) sentenzi li gew ippronunzjati fil-konfront tar-rikorrenti fl-2014 u fl-2015 meta hija kellha sbatax u tmintax-il sena rispettivament. Illi r-reati li tagħhom instabet ħatja kienu prinċipalment parteċipazzjoni f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta`, insulti u offiżi ta' natura ħafifa.

Illi r-rikorrenti barra li xehdet dwar kif ħajjitha illum hija stabbli tant li tgħix ġo appartament mikri mas-sieħba tagħha u taħdem ma' kumpanija privata, ppreduċiet ukoll lill-Uffiċjal tal-Probation li segwietha għal perjodu ta' tliet (3) snin. Illi minn dak li xehdet l-imsemmija Uffiċjal jirriżulta illi għalkemm għall-bidu kien hemm xi problemi fl-osservaza tal-Ordni ta' Probation, eventwalment ir-rikorrenti bdiet tiġi ggwidata minn Psikologa u imxiet 'il quddiem.

Illi minn dak li xehdet l-Ispettur Sarah Magri, il-Kummissarju intimat, meta ra l-fedina penali tar-rikorrenti ikkunsidra li ma kienx fl-interess pubbliku li joħroġ il-liċenzja ta' gwardjan privat.

Illi t-Tribunal jirrileva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu każ bħal dak odjern huwa tabilfors irid jeżerċita d-diskrezzjoni tiegħu dwar kif se jżomm bilanċ bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jeżerċita l-professjoni ta' gwardjan privat. Illi fid-Dritt Amministrattiv huwa prinċipju assodat li *"a person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is minded to do so – he must in the exercise of his discretion do not what he likes but what he ought. In other words, he must, by the use of his reason, ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably".*[2] Fis-sentenza ***Associated Provincial Picture Houses Ltd. v. Wednesbury Corporation*** ([1948] 1 KB 223 at 229) Lord Greene MR osserva li*: it is true that discretion must be exercised reasonably. Now what does that mean? Lawyers familiar with the phraseology used in relation to exercise of statutory discretions often use the word 'unreasonable' in a rather comprehensive sense. It has frequently been used and is frequently used as a general description of things that must not be done. For instance, a person entrusted with a discretion must, so to speak, direct himself properly in law. He must call his own attention to the matters which he is bound to consider. He must exclude from his consideration matters which are irrelevant to what he has to consider. If he does not obey those rules, he may truly be said, and often is said, to be acting 'unreasonably'. Similarly, there may be something so absurd that no sensible person could ever dream that it lay within the powers of the authority. Warrington LJ in Short v. Poole Corporation gave the example of the red haired teacher, dismissed because she had red hair. This is unreasonable in one sense. In another it is taking into consideration extraneous matters. It is so unreasonable that it might almost be described as being done in bad faith; and, in fact, all these things run into one another.'*[3]

Illi minħabba n-natura tas-servizzi li jistgħu jiġu prestati minn Gwardjan Privat[4] huwa loġiku u leġittimu li fl-għoti u t-tiġdid ta' tali liċenzji jiġi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li deċiżjoni mogħtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpinġi fuq tali konsiderazzjoni u hu neċessarju li jkun hemm evalwazzjoni appożita jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* għal tali posizzjoni mill-awtorità regolatriċi konċernata, f'dan il-każ il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi mix-xhieda mressqa mir-rikorrent ma jirriżultax illi llum ir-rikorrenti għandha xi kwalitajiet li huma ta' detriment għas-soċjeta` in ġenerali. Minn dak li seta' jirraviża dan it-Tribunal, ir-rikorrenti hija persuna ħabrieka u dehret għal kull seduta li żamm dan it-Tribunal.

Illi dan it-Tribunal jifhem illi r-rikorrenti kellha tfulija u żgħożija diffiċli minħabba s-sitwazzjoni familjari tagħha. Madankollu jirriżulta illi bl-għajnuna ta' professjonisti rnexxielha tegħleb ħafna mill-ostakoli li kellha f'dawk iż-żminijiet. Illi filwaqt li dak li hemm fuq il-fedina penali tagħha

[2] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 295.
[3] Administrative Law, H.W.R. Wade & C.F. Forsyth, 10th Edition, pg. 303.
[4] Ara d-definizzjoni ta' "servizzi ta' gwardjani privati" f'artikolu 2 tal-Kapitolu 389

ma jistax jitħassar, madankollu it-Tribunal iqis ukoll illi r-reati mwettqa minnha twettqu meta kellha l-eta' ta' sbatax/tmintax-il sena. Dawn ir-reati, għalkemm jibqgħu ta' ċerta gravita`, iridu jittieħdu fil-kuntest li fihom saru. Mis-sentenzi nfushom jirriżulta li ħafna mill-argumenti li kellha r-rikorrenti kienu proprju relatati ma' sitwazzjonijiet li nqalgħu waqt li kienet tgħix ġo djar ta-tfal flimkien ma' żgħażagħ tamparha.

Illi ma jirriżultax illi mill-2015 'l hawn ir-rikorrenti daħlet f'xi nkwiet ieħor u jidher li f'ħajjitha hemm ċertu stabbilita`. Tant hu hekk illi hija qiegħda tfittex li jkollha iktar stabbilita` fil-ħajja lavorattiva tagħha peress li preżentement l-impjieg tagħha mhux wieħed li jista' jagħtiha serħan il-moħħ. Għat-Tribunal dan huwa xhieda tal-impenn tar-rikorrenti biex tħalli warajha perjodu negattiv f'ħajjitha u tkompli miexja 'l quddiem.

Illi għalhekk dan it-Tribunal, fil-preżent, ma jista' jirraviża l-ebda ċirkostanza għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jqis lir-rikorrenti bħala persuna li ma tistax tafdaha fil-qadi ta' dmirijiet ta' gwardjan privat. Kif ingħad iktar 'il fuq, huwa veru li r-rikorrenti, f'eta` ferm iżgħar ikkommettiet ir-reati elenkati aktar 'il fuq, pero` t-Tribunal iħoss li għadda biżżejjed żmien biex ir-rikorrenti tingħata ċans, wara dan iż-żmien kollu, "to prove herself". Ir-rikorrenti tidher determinata li trid tmexxi ħajjitha 'l quddiem, filwaqt li għarfet li dak li għamlet fil-passat kien żbaljat. Illi fl-opinjoni tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat ma setax jieqaf biss fuq is-sentenzi pronunzjati fil-konfront tar-rikorrenti biex jifforma d-deċiżjoni tiegħu għar-rifjut tal-applikazzjoni de quo. Kieku kien rifjut abbażi tal-artikolu 10 (a) kien ikun mod ieħor għax dawk ir-reati kristallizzati fl-istess sub-artikolu jagħmluha tassattiva fuq min qiegħed jiddeċiedi li għandu jirrifjuta tali applikazzjoni, dejjem jekk ikun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija.

Illi t-Tribunal jifhem ir-responsabbilita` kbira li l-Kummissarju intimat għandu fil-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan privat meta wieħed iqis in-natura tad-dmirijiet tal-istess gwardjani, pero` f'dan il-każ ma jarax, in vista ta' dak rilevat iktar 'il fuq, li l-istess Kummissarju kien ġustifikat li jiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-istess liċenzja ai termini tal-Artikolu 10(b) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta. It-Tribunal jara d-diskrezzjoni tal-Kummissarju intimat bħal miżien fejn f'keffa minnhom hemm l-interess pubbliku u fil-keffa l-oħra hemm id-dritt li persuna tiġi konċessa lilha l-liċenzja in kwistjoni. Biex wieħed isib bilanċ jista' jkun eżerċizzju diffiċli u delikat. Ħafna drabi, każijiet simili, jaslu quddiem dan it-Tribunal għaliex proprju il-keffa tal-interess pubbliku tingħata aktar piż mid-dritt tal-individwu li jottjeni l-liċenzja in kwistjoni u l-eżerċizzju li dan it-Tribunal irid jagħmel huwa li jara jekk dak il-piż li ngħata lill-interess pubbliku kienx wieħed ġustifikat fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Madankollu, it-Tribunal irid

jissottolinea li ma jirriżultalux li l-Kummissarju intimat f'dan il-każ aġixxa b'*mala fede* fil-konfront tar-rikorrenti.

Finalment it-Tribunal jirrimarka illi huwa jista' biss jannulla d-deċiżjoni appellata u mhux, kif mitlub fir-rikors promutur, jordna lill-Kummissarju intimat japprova l-applikazzjoni tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-liċenzja ta' gwardjan privat u/jew joħroġ huwa stess l-istess liċenzja. Għaldaqstant, filwaqt li qiegħed jirrevoka l-istess deċiżjoni, jistieden lill-Kummissarju intimat jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu.

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija u fil-parametri spjegati hawn fuq, qiegħed jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrenti u jħassar u jirrevoka d-deċiżjoni appellata datata 15 ta' Diċembru 2020.

Bl-ispejjeż kontra l-Kummissarju intimat.

**Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**